# ħidmietna f'isimkom

Ott 2016
PUBBLIKAZZJONI TAL-KUNSILL LOKALI NADUR






# Is-Sehem tan-Nadur fil-
# European Charter of Rural Communities

Dan ic-*charter* beda fl-1989, u l-kunċett telaq minn villaġġ fi Franza – Cisse, b'fondi Ewropej. Illum, 28 villaġġ mill-pajjiżi kollha tal-UE jipparteċipaw fih. In-Nadur ilu jirrappreżenta lil Malta f'dan ic-*charter* sa mill-2005. Ta' kull sena isiru diversi laqgħat internazzjonali, dejjem f'wieħed minn dawn il-villaġġi, li permezz tagħhom residenti jsiru jafu kulturi u tradizzjonijiet differenti. Dawk li jattendu f'isem ir-raħal joqogħdu għand familji barranin, jipparteċipaw f'diskussjonijiet skond it-tema magħżula u jieħdu sehem f'ħafna attivitajiet. Fil-passat ġew diskussi temi bħal demokrazija, bdil fil-klima, tkabbir tal-UE u demografija. In-Nadur organizza l-laqgħat għaż-żgħażagħ tac-*charter* fl-2011. Fis-sajf tal-2018 issa mistennijin li norganizzaw il-laqgħa Annwali tac-*Charter* fejn fostna nilqgħu aktar minn 250 ruħ.

*Nadur has been actively participating in the Charter since 2005 through Youth and Adult meetings, and is expected to organise the Annual Meeting in 2018.*



Delegazzjoni ta' 10 persuni minn Nadur waqt il-Laqgħa Annwali tac-*Charter*, f'Lulju 2016 f'Medzev – Slovakja, mmexxiha mill-Viċi-Sindku tan-Nadur.

*Group of 10 persons from Nadur in Slovakia for the Charter Annual Meeting.*



Maria Victoria Theuma u Dylan Camilleri rrappreżentaw lin-Nadur fil-Laqgħa taż-Żgħażagħ tac-*Charter*, f'Samuel – Portugal.

*Two youths from Nadur during the Charter Youth Meeting in Portugal.*



Is-Segretarja Eżekuttiva Sue-Ellen Buġeja flimkien mal-Kunsillier Michael Camilleri attendew għall-aħħar *meeting* bit-tema "Kif affetwa lill-komunitajiet rurali it-tkabbir tal-UE?", f'Desborough – Ingilterra.

*The Executive Secretary and Local Councillor for Charter Adult Meeting in UK.*




## Siġar tar-Riħan

F'Mejju li għadda, bi proġett tal-iskola Konservatorju tal-Isqof, il-Kunsill Lokali kkollabora fit-tħawwil ta' numru ta' siġar tar-Riħan, proprju f'Wied ir-Riħan. Fl-istess waqt ittieħdet l-inizzjattiva li jitnaddaf u tingħata manutenzjoni lil madwar.

*Tree planting activity of Riħan trees at Riħan Valley in Nadur by Bishop Conservatory Students.*





## Tour ta' Malta
### fin-Nadur

Il-Kunsill Lokali tan-Nadur, f'Marzu li għadda, ikkollabora wkoll fit-22 Edizzjoni tat-Tour ta' Malta taċ-Ċikliżmu, b'60 kilometru li jaslu minn Ta' Xħajma san-Nadur. Din kienet it-tielet ġurnata ta' din it-Tour.

*The third day of the Cycling Malta Tour held in Nadur in collaboration with the Local Council.*

# Il-Ġimgħa l-Kbira
## fin-Nadur






Ċenaklu Ħaj f'Dar Dun Franġisk Grima
*Live Cenacle*





Pjazza mżejna għall-Ġimgħa Mqaddsa
*Holy Week Square Lighting*



Tqassim ta' Figolli lit-tfal nhar l-Għid il-Kbir
*Giving out 'Figolli' to kids*

# Żjara f'Zafferana-Etnea

Is-Sindku Edward Said flimkien mal-Kunsillier Michael Camilleri f'Zafferena - Etnea sabiex jesploraw dak li joffru dawn l-inħawi u jibdew relazzjoni ma' dan ir-raħal fi Sqallija. Grupp ta' 50 persuna issa ser iżuru dan il-post f'Ottubru.

*Mayor and Councillor on a short visit to Zafferana - Etnea to start building a new international relation between the two towns.*










# Artisti minn Zafferana
## fin-Nadur

F'Mejju li għadda ġew fostna wkoll artisti minn Zafferana - Etnea, eżattament mill-Assoċċazzjoni Sciuti, fejn daru l-attrazzjonijiet fin-Nadur, u wkoll iltaqgħu ma' diversi artisti Nadurin u Għawdxin. Dan jidher li ħalla l-frott u f'Novembru ser itellgħu esebizzjoni fis-Sala tal-Kunsill Lokali tan-Nadur.

*Artists from Zafferana - Etnea visit Nadur and met a number of local artists.*







# Mnarja
## Ġunju 2016



Wirja Agrarja u ta' Artiġjanat
*Traditional Fair*









Show taż-Żwiemel
*Horse Show*



Festa Tfal
*Children's Activities*




Kunċert mill-Banda Mnarja
*Mnarja Band Concert*



Giochi - It's A Knockout












# Wine Festival

## Awwissu 2016




Il-Kunsill Lokali installa żewġ tabelli li jindikaw id-direzzjoni tas-siti l-aktar imfittxiha mil-viżitaturi fin-Nadur, bħala parti mill-proġett tal-Pjazza.

*The installation of new finger directional sign posts in the Square.*



Sar ukoll xogħol fuq parti mit-triq li twassal għal bajja ta' San Blas u dan wara li din kellha ħsarat kbar li akkumulaw matul is-snin.

*Works on the street leading to San Blas Bay.*

**Il-Kunsill Lokali jifraħ u jawgura lis-sur**

# CHARLTON DEBONO

**rebbieħ tal-premju**

# Ġieħ in-Nadur 2016



# Ġbir ta' Skart fin-Nadur – Waste Collection

## Skart Organiku – Organic Waste

Mit-30 ta' Settembru nbidlet l-iskeda tal-ġbir ta' skart mid-djar, peress li issa qed tinġabar il-borża l-bajda bi skart organiku tlett darbiet fil-ġimgħa. Din il-bidla seħħet f'Għawdex kollu, u Wasteserv għamlet dan wara kampanja ta' informazzjoni qawwija f'kull dar. Nħeġġukom timxu ma' din l-iskeda - ma tinħareg l-ebda borża oħra fi ġranet li ma jinġabrux, u ma toħorġux il-boroż minn ġranet qabel. Il-ħġieġ jibqa' jinġabar kull l-ewwel Ħamis tax-xahar.

*Since 30th September there was a change in the waste collection schedule, due to the start of organic waste collections in Gozo region. Organic waste will only be collected in white bags. We urge you to follow this schedule.*




## Skart Goff – Bulky Refuse

Minħabba l-fatt li issa jeżisti is-*Civic Amenity Site*, ir-regoli dwar il-ġbir ta' skart goff inbidlu radikalment. L-iskart goff issa jrid ukoll jiġi separat, u saħansitra l-*Open Skips* ta' Xurdin kienu qed jilqgħu ż-żibel ta' ħafna rħula, l-Kunsill Lokali qed iwaqqaf is-servizz tal-*Open Skips*. Dan b'effett mill-1 ta' Novembru li ġej. Il-Kunsill Lokali iħeġġeġ lir-residenti sabiex jagħmlu użu mis-*Civic Amenity Site* f'Tal-Kus (Xewkija) u mis-servizz tal-Bulky Refuse *mid-djar kull nhar ta' Tnejn.*

*The Local Council decided to stop providing Open Skips at Ta' Xurdin area as from 1st November. We encourage residents to make use of the Civic Amenity Site in Xewkija and the Bulky Refuse door-to-door (every Monday).*












## CHRISTMAS EXHIBITION

13 ta' Diċembru sal-1 ta' Jannar

Dar Dun Franġisk Grima, Triq it-Tiġrija, Nadur





# ĦINIJIET TAL-LIBRERIJA

| | |
|---|---|
| **It-Tnejn, it-Tlieta, il-Ħamis:** | 08:30 - 13:40 |
| **L-Erbgħa, il-Ġimgħa:** | 08:30 - 15:40 |
| **Is-Sibt:** | 09:00 - 10:00 |

**read with me...**

*Għal tfal minn 0 sa 3 snin*

Kull nhar ta' **Tnejn**
mid-09:00 sal-10:00

# ĊELEBRAZZJONIJIET
# JUM IL-KUNSILL 2016

**Is-Sibt 6 ta' Novembru 2016**
Bejn it-*8.30a.m.* u *s-1.00p.m.* ser issir *'Blood Donation'* f'Dar San Pietru u San Pawl fi Triq Diċembru 13.

**Is-Sibt 12 ta' Novembru 2016**
*7.30p.m.:* Lejliet il-festa tal-Kon-Patrun San Koronatu. Fit-Teatru MBC jitellà Kunċert Mużikali mill-Banda Mnarja taħt id-direzzjoni tas-Surmast Direttur Joseph Grech. Waqt il-Programm jingħata l-premju 'Ġieħ in-Nadur' għas-sena 2016 mill-Kunsill Lokali, lil dik il-persuna li tkun iddistingwiet ruħha fil-ħajja soċjali tal-lokalità. Din-s-sena, dan il-premju ser imur għand is-Sur Charlton Debono, atleta li għamel unur lil raħal twelidu. Wara jsir riċeviment għal dawk kollha preżenti fis-Sala tal-Każin tal-Banda.

**Il-Ħadd 13 ta' Novembru 2016**
*9.00a.m.:* Il-membri tal-Kunsill jattendu għall-quddiesa Pontifikali ta' Jum il-Festa ta' San Koronatu.

**It-Tnejn 14 ta' Novembru 2016**
*7.30p.m:* Isir il-ftuħ ta' Wirja bl-isem ta' "Incontri... d'Arte" fis-'Sala Joe Tabone' tal-Kunsill Lokali tan-Nadur. Din ser tkun esebizzjoni speċjali, mtella' minn Associazione Sciuti ta' Zafferana Etnea, li magħhom il-Kunsill Lokali tan-Nadur qed jibni relazzjoni. L-artisti huma Corrado Iozia, Enzo Chiavetta, Debora Vasta u Graziella Torrisi. Din l-esibizzjoni ser ddum miftuħa ġimgħa u tiġi jnawgurata mis-Segretarju Parlamentari l-Onor. Stefan Buontempo. Wara jkun hemm riċeviment fil-Kunsill Lokali.

**L-Erbgħa 16 ta' Novembru 2016**
*6.00p.m.:* Tournament tal-Futbol fil-grawnd Peter Paul Camilleri tan-Nadur, bl-isem ta' *'Joe Tabone Memorial Tournament'*, mit-tfal ta' taħt it-tlettax-il sena.

**Il-Ħamis 17 ta' Novembru 2016**
*3.30p.m.:* Issir ħarga għall-anzjani b'quddiesa u wara ħin ta' mistrieħ u ikla.

**Il-Ġimgħa 18 ta' Novembru 2016**
*7.30p.m.:* Ser jiġi organizzat *'Night Hike'* mil-Kunsill Lokali taż-Żgħażagħ. It-tluq ikun minn ħdejn il-Kunsill Lokali, u wara nieqfu nieħdu xi ħaġa flimkien.

**Il-Ħadd 15 ta' Novembru 2016**
*9.15a.m.:* Fil-Bażilika ta' San Pietru u San Pawl issir il-Quddiesa ta' Radd il-Ħajr bis-sehem tal-membri tal-Kunsill, membri tas-sotto Kumitati, impjegati u Poplu Naduri. Iqaddes Mons. Arcipriet Jimmy Xerri. Din il-quddiesa tkun b' sufraġju tal-ex-Sindku Joe Tabone u l-ex-Kunsillier Frans Sammut.

*10.15a.m.* Tibda it-tieni edizzjoni tal-mixja u maratona ta' 5 u 8 kilometri, rispettivament, b'riżq Puttinu Cares, u bil-kollaborazzjoni ta' *Gozo Athletix*. Tingħata medalja lil kull parteċipant u trofej għar-rebbieħa. Dawn jibdew u jintemmu fi Pjazza San Pietru u San Pawl.

*3.00p.m.:* Tittellà Sports Day għat-tfal tal-Iskejjel Primarji u Sekondarji fil-grawnd tal-MUSEUM tas-Subien.